VALLETTA
*Città Umilissima*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' via Skype minħabba l-COVID 19, fil 14.00pm.

**PREŻENTI:**

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 114A (14):**
Lian Pace – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

14.1.1 Lian Pace – Kunsillier
14.1.2 Jurgen Briffa – Kunsillier

### 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.14.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 13– **06 ta' Mejju 2020** kienu ikkonfermati.
14.14.2 Il-minuti tas-Seduta Nru 15– **05 ta' Ġunju 2020** kienu ikkonfermati.

### 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li ser jaddi sett ċwievet tal-bollards li sar fi Triq Mikiel Anton Vassalli lil persuna li għandha marda terminali biex jekk ikun hemm bżonn ta' Ambulanza tkun tista tidħol sal-bieb. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

14.3.2 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li ser ikun qed jaħdem biex isir proġett ta' tlett arbli fi Pjazza l-Assedju. IL-Bnadar ser ikun ta' Citta Umillissima, ta' Malta u dik ta' L-Ewropa. L-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.3 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li kelli laqgħa mal-Pulizija dwar Community Policing. Nforma lill-Kunsill dwar il-proċess. L-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li Il-Go, Melita, Enemalta kif ukoll l-għaqdiet tal-Festi għandhom jagħmlu eżerċizzju biex jitneħħew wires bla bżonn li qedgħin mal-ħitan tal-bini. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

14.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li kellu laqgħa mas-Sur Michael Cohen dwar parkeġġ. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara li kienet saret talba biex issir Barbara Bastions u l-Perit kif nforma waqt press conference li din għadha tajba, is-Sindku xorta nsista biex din issir u jsir tisbieħ ta' żona fejn hemm is-sigar mas-swar. Il-Viċi Sindku ma qabilx li din ghandha issir minħabba li kien ser jitilfu diversi parkeġġi.

14.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit nforma tkellem ukoll mal-Perit dwar it-Triq ta' l-iskola. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit nforma biex issir laqgħa ma' Chairman tal-GHRC Sur Agius Decelis biex nitkellmu dwar problemi ta' dawl. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.9 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li ntbgħatet ittra oħra ta' default notice lill-kuntrattur ta' Public Conveniences dwar l-istat li qed jinżammu fih. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.10 Is-Sindku Alfred Zammit nforma dwar kommunkat li kien bgħat fil-grupp tal-Kunsillieri dwar Green wall. Huwa nforma li qed jistenna quotation ta' l-ispiża u jekk hija waħda li l-kunsill ma jlaħħaqx magħha allura jitlob l-għajnuna tal-Ministru Aaron Farrugia. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.3.11 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li dwar l-aħħar press conference organizzata mis-Segretarjat tal-Ministru Ian Borg, hu qatt ma rċieva komunikat bil-miktub wisq anqas ma ġiet komunikat lilu bil-miktub. Dan anke ġie kkonfermat mis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

14.4.1 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li Triq It-Teatru l-antik bejn San Pawl u Merkanti għandha tingħalaq bil-bollards. Il-Kunsill qabel dwar dan. Sett ċwievet għandhom jingħataw lil Pulizija u anke lil Arċipriet ta' San Pawl. L-Istess għal Triq Feliċ.

14.4.2 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar Traffic Calmer fi Triq San Pawl quddiem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.4.3 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li għandu jsir follow up ma Transport Malta dwar il-herringbone parkiings li kellhom isiru fuq Sant Iermu.

14.4.4 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li l-bollards m'għandhomx jibqgħu jinzebgħu bojod imma suwed u jsirilhom sticker ħamra li tixgħel mad-dawl.

14.4.5 Il- Kap tal-Minoranza Christian Micallef nforma lis-Sindku dwar kommunikazzjoni li kella mal-Ministru Ian Borg, fejn wergħa dispjaċir li hu u sħabu ma ġewx mistiedna għal press conference. Is-Sindku ċaħad li rċieva kommunit jgħid dan. Il-Minority Leader nforma dwar nuqqas ta' kommunikazzjoni min-naħa ta' Sindku w li dan iġġib nuqqas ta' għaqda.

14.4.6 IL-Kunsillier Mark Spiteri Lucas nforma ukoll meta hu li għandu dekasteru ta' l-edukazzjoni ma ġiex infurmat dwar laqgħa mal-Kap ta' l-Iskola. Fejn is-Sindku mar waħdu għal din l-attivita' .

14.4.7 Il-Kunsillier Lian Pace li kien assenti però xtaq iressaq bye law dwar il-kontroll tal-ħamiem. Ġie nfurmat li kien diġà hemm waħda eżistenti u qatt ma sar infurzar fuqha. Allura sar ftehim biex qabel il-laqgħa li jmiss issir laqgħa bejn Lian Pace inkarigat mil-Ambjent u Vince Fabri inkarigat mil-ħarsien ta' l-annimali biex tiġi diskussa fil-laqgħa ta' Lulju. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.4.8 Il-Kunsillier Jurgen Briffa li kien assenti bgħat kommunikat biex jirringrazzja lil impjegati tal-Kunsill tax-xogħol li għamlu waqt il-COVID-19. Il-Kunsill lokai tal-Belt qatt ma għalaq l-bibien u kien ta' għajnuna għar-residenti. Il-Kunsill kollu qabel u l-Viċi Sindku ssuġġerixxa li anke jingħataw token. Kien hemm qbil dwar dan.

## 14.5 Rapporti

14.5.1 Nil

## 14.14 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

14.14.1

## 14.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

14.14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li wara li rċeviet l-ewwel pagament għal-applikazzjoni tal-kura tal-qtates hi tkellmet ta' Sur Dimech li se jkun qed jgħin biex jingħaqdu l-cat feeders. L-Pagementi ser isiru kif isir issoltu skond l-irċevuti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li l-Valletta Cruiseport kellha tħassar il-committment tagħha tal-pjanti minħabba li ntlaqtet ħażin bil-COVID-19. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li tender ta' l-IACCESS kellu problema bit-technical reporting ħadd ma kellu requirements kollha allura tkellmet tad-dipartment tal-Gvern Lokali biex jingħata direct order l-irħas offerta għaliex inkella ser jintilfu l-fondi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.14.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat dwar problema li qed taffaċċa bil-fondi tal-planning development fund. Dan minħabba l-fatt li lill-kuntrattur nqatawlu aktar min nofs l-ammont li kien dovut. Hija nfurmat li ser tkun qed tippreżent rapport lil Ministru Aaron Farrugia dwar dan biex ikun jista jagħti l-għajnuna tieghu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.14.5 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li għandha kommunikat ma' Ex impjegata tal-Kunsill Orietta Cardona fejn ġiet infurmata li hemm numru ta' bolol neqsin ta' qabel 2011. Il-Kunsill talab li tinġieb l-informazzjoni kollha biex naraw x'hemm pendenti. Il—Kunsill qabel dwar dan.

14.14.6 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li għandha ssir bye-law biex tirregola l-BBQ kemm Marsamxett u anke l-Fossa. Il—Kunsill qabel dwar dan.

14.14.7 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li l-embassy talbu għal eżenzjoni mill-premessi ta' Polidano Brothers. Il-Kunsill ma qabilx imma qabel li għandha tintbagħat ittra lil kumpanija biex l-ammont tal-permessi jittieħdu xogħol. L-ammont jitla għal €22, 318.96Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.14.8 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li qed issib xi diffikultajiet meta l-Kunsillieri jiġu biex jagħmlu l-evaluation ta' EPPS. Ħegget biex ikunu effiċjenti għax ikunu qed iżommu lura proċessi tat-tendering. Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.14.9 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li wara xi talbiet mil-Kunsillieri talbet għal lista ta' parkeġġi riżervati kemm tal-Ministeri u anke ta' dawk ta'disabled. L-Ministeru qed jagħmel studju biex jitneħħew dawk li huma żejda jew bla użu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 14.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

14.14.1

14.14.2

## 14.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Mejju 2020

Il-Kunsill aġġorna għal-Ħamis 2 ta' Lulju 2020 14.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Zammit | Gabriella Agius |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |